# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Frar, 2001

**Numru 13**

**Citaz. numru: 1658/85 NA**

**L-Avukat Dottor Joseph Max Ganado fil-kwalita' tieghu bhala prokuratur specjali ta' SEAN LIP TRANSPORT PRIVATE LIMITED ta' Singapore u ta' INTER-MARITIME MANAGEMENT S.A. ta' Svizzera bhala agenti ta' l-istess Ean Lip Transport Private Ltd., bhala cessonjarji ta' MADYCO S.A. kif debitament delegat permezz ta' prokuri tat-23 ta' Dicembru 1985 (Dokument 7)**

**vs**

**L-Avukat Dottor Philip Sciberras in rapprezentanza ta' Sea Malta Company Limited u b'digriet tat-2 ta' Lulju 1986 giet ordnata l-kjamata in kawza ta' Anthony Hugh Cassar ghan-nom tas-socjeta' "Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Limited" u din is-socjeta' bhala agenti lokali tal-**

**Mitsui Lines O.S.K. armaturi/operaturi tal-"M.V. Kato Grossos" u "M.V. Ocean Hope"; u b'digriet tat-18 ta' Settembru 1990 l-atti tal-kjamat fil-kawza gew legittimati f'isem John C. A. Cooper minflok Anthony Hugh Cassar li miet fil-mori tal-kawza.**

**FIOS fil-Ligi Marittima - Preskrizzjoni ghad-danni - Artikolu 1130 (2) u 1153 (illum 1471) Kapitolu 16 u Artikolu 743 (illum 744) Kapitolu 12.**

**L-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili jikkontempla d-danni "*ex delicto vel cuasi*" u mhux id-danni "*ex contracto*" li invece huma soggetti ghall-preskrizzjoni ta' hames snin u mhux ta' sentejn [Artikolu 2156 (f)].**

**Vapur fil-kamp tal-ligi marittima huwa rapprezentat mill-armaturi jew l-agenti ta' l-armaturi u ghalhekk, f'dan il-kaz, il-persuna estera li kellha rapprezentant lokali riferibbilment ghal din l-obbligazzjoni kienet soggetta ghal gurisdizzjoni tal-Qrati taghna. Ic-cessjonarju biex jezercita l-jeddijiet lilu ceduti jrid jaghraf lid-debitur bic-cessjoni b'att gudizzjarju.**

**Fejn ma jkunx gie stabbilit ebda zmien ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni d-debitur jitpogga *in mora* permezz tal-prezentata ta' att gudizzjarju kontra tieghu.**

**Fejn il-ftehim fil-kamp marittimu jkun "FIOS" "*all expenses in regards to the loading and/or unloading of merchandise are borne by the shipper*".**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur nomine fil-31 ta' Dicembru, 1985 li permezz taghha l-attur nomine ippremetta:

(i) li permezz ta' 'booking note' tas-17 ta' Lulju, 1981 il-konvenut nomine ikkuntratta ma' Madyco S.A. biex tipprovdi l-vapur M.V. Faith sabiex tingarr merkanzija minn Malta sa Oran fl-Algerija;

(ii) li f'Lulju, 1981 l-imsemmi vapur wasal Malta u ghabba l-merkanzija skond il-'booking note' u l-attur nomine hareg polza ta' karigu lis'Sea Malta' bhala x-'shippers' tal-merkanzija;

(iii) li l-vapur wasal fl-Algerija fit-2 t'Awissu, 1981 u stenna sa ma jinghata moll sal-14 t'Awissu, 1981;

(iv) li l-kaptan kien avza lill-importaturi li kien lest li jhott il-merkanzija fit-3 t'Awissu, 1981;

(v) li meta l-vapur inghata 'berth' biex ihott il-merkanzija l-importaturi ma kinux lesti li jircievu l-merkanzija u l-ghada l-vapur rega' tnehha mill-'berth' u baqa' jistenna sad-29 t'Awissu, 1981;

(vi) li l-konvenut nomine kien responsabbli biex jaghmel l-arrangamenti kollha sabiex il-merkanzija tinhatt skond il-kuntratt u minhabba n-nuqqasijiet tar-ricevitur jew haddiehor li ghalihom il-konvenut nomine huwa responsabbli l-attur nomine sofra hsarat sostanzjali, li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut nomine;

(vii) li di piu l-attur nomine eroga spejjez ta' 'shore labour expenses' ammontanti ghal USD5,086.37 u hallsu USD3997.31 bhala 'freight commission', li ghaliom huwa responsabbli l-konvenut nomine ghaliex skond il-ftehim it-trasport sar FIOS;

(viii) li waqt li l-merkanzija kienet abbord l-attur nomine informa lill-konvenut nomine li huwa kien ser izomm persentagg tal-merkanzija u jezegwixxi fuqha il-'lien' tieghu ghal 'detention/delay' jekk il-konvenut nomine ma jiggarantix il-kumpens dovut lill-attur nomine minhabba dan id-dewmien;

(ix) li l-konvenut nomine kien informa lill-attur nomine li Mitsui kienu wkoll lesti li jikkonsidraw u jinnegozjaw talba ta' 'demurrage' u a bazi ta' din id-dikjarazzjoni l-attur

nomine kien iddezista milli jipprotegi ruhu b'dan il-mod u cioe' billi jezegwixxi 'lien' fuq il-merkanzija;

(x) li pero sal-lum baqa' ma sar ebda pagament u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

(xi) li fis-6 ta' Marzu, 1985 l-amministraturi ta' Madyco S.A. (li fil-frattemp kienet ghaddiet fi stat ta' falliment) ghamlu cessjoni tad-drittijiet taghhom kontra l-konvenut nomine li gie debitament notifikat bl-istess assenjazzjoni permezz ta' ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu, 1985.

Rat illi permezz tal-istess citazzjoni l-attur nomine talab lil din il-Qorti sabiex:

a) tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli ghad-dewmien/'delay'/'detention' ingustifikat li kellu jsofri l-vapur M.V. Faith fil-port ta' Oran, l-Algerija fid-'discharge' tal-merkanzija in kwistjoni;

b) tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli ghall-hsarat sussegwenti u ghal 'freight commission' u 'shore labour expenses' fuq indikati;

c) tillikwida l-hsarat sofferti mill-attur nomine u li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut nomine; u

d) tikkundanna lill-konvenut nomine biex ihallas lill-attur nomine dik is-somma kif likwidata kif ukoll is-somma ta' Lm3915 ekwivalenti ghas-somma ta' USD9065.68 referibbli ghal 'shore labour expenses' u 'freight commission' kif fuq indikat.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tas-27 ta' Dicembru, 1985 u bl-imgaxijiet legali mill-1 ta' Frar, 1982 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut nomine minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur nomine, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti kif ukoll id-dokumenti minnu ezebiti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata mill-konvenut nomine illi permezz taghha l-istess konvenut nomine eccepixxa s-segwenti:

Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici kienu preskritti a tenur tal-artikolu 2258 tal-Kodici Civili.

Illi fit-tieni lok it-talba attrici ghad-danni pretizi bhala ‘demurrage’ jew ‘detention’ fil-port ta’ Oman fl-Algerija hija bla bazi stante illi skond il-kontrattazzjoni bejn il-partijiet kif kontenuta fil-‘booking note’ u ravvisata wkoll fil-polza ta’ karigu, il-garr kien fuq bazi ‘cop/cop’ u cioe’ skond l-uzu tal-port; u

Illi riferibilment ghat-talbiet l-ohra kien ukoll akkordat bejn il-partijiet illi l-karikazzjoni u skarikar tal-merkanzija kien fuq bazi ‘FIOS’ u ghalhekk il-vettural ma messux ghamel il-hlas issa reklamat mill-eccipjenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut nomine u l-lista tax-xhieda;

Rat it-talba maghmula mill-konvenut nomine fis-seduta tat-30 ta’ Mejju, 1986 ghall-kjamata in kawza ta’ Anthony Hugh Cassar ghan-nom tas-socjeta’ ‘Cassar & Cooper (Shipping

and Insurance) Limited’ bhala agent lokali ta’ ‘Mitsui Lines O.S.K.’, armaturi/operaturi ta’ ‘M.V. Kato Grossos’ u ‘M.V. Ocean Hope’;

Rat l-oppozizzjoni registrata mill-attur nomine ghal din it-talba fl-istess udjenza;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut nomine in sostenn tat-talba tieghu ghall-kjamat in kawza ta’ Anthony Hugh Cassar nomine (a fol. 28 – 29 tal-process);

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur nomine in sostenn tal-oppozizzjoni tieghu ghall-istess talba (a fol. 30 – 32 tal-process);

Rat id-digriet taghha tat-2 ta’ Lulju, 1986 illi permezz tieghu gie ordnat il-kjamat in kawza ta’ Anthony Hugh Cassar ghan-nom tas-socjeta’ ‘Cassar & Cooper (Shipping and Insurance) Limited’ bhala agent lokali ta’ ‘Mitsui Lines O.S.K.’, armaturi/operaturi ta’ ‘M.V. Kato Grossos’ u ‘M.V. Ocean Hope’;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Anthony Hugh Cassar nomine illi permezz taghha l-istess kjamat in kawza eccepixxa s-segwenti:

Illi fil-konfront tal-kjamat in kawza nomine din il-Qorti mhix kompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u dan a tenur tal-Artikolu 743 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

Illi skond ir-regoli vigenti f'Malta fiz-zmien illi l-attur nomine ried jeffettwa trasbord ta' merkanzija diretta lejn l-Algerija l-attur nomine kellu jitratta esklussivament mas-Sea Malta Company Limited, kif fil-fatt sar, u ghalhekk il-kjamat in kawza huwa estraneju ghall kull ma gie miftiehem bejn il-partijiet u kwindi m'ghandu bl-ebda mod ikun f'din il-kawza;

Illi bla ebda pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, il-kuntratt bejn l-attur nomine u l-konvenut nomine huwa suggett ghall-klawsola 'custom of the port' u fil-fatti esposti mill-istess attur nomine m'hemm xejn li mhux kopert b'din il-klawsola;
Illi 'freight commission' mhix dovuta stante li din tista' tigi rikjamata biss minn agenzija u fil-port tal-Algerija u m'hemmx 'shore labour expenses' x'jithallsu stante illi r-ricevitur tal-

merkanzija hija l-istess Sona Trach li tiggestixxi x-xoghol tal-port; u

Illi l-kjamat in kawza qatt ma gie avzat bl-allegata cessjoni ta' drittijiet u ghaldaqstant fil-konfront tal-kjamat in kawza l-attur nomine ma jistax jezercita l-jeddijiet lilu allegatament ceduti mic-cedent, u dan ai termini tal-artikolu 1553 tal-Kodici Civili.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda tal-kjamat in kawza;

Rat in-nota konguntiva tal-attur nomine u tal-konvenut nomine (a fol. 26 u 27 tal-process) illi permezz taghha huma ddikjaraw illi kienu qeghdin jaqblu fuq is-segwenti fatti tal-kawza in kwistjoni, u cioe:

Illi nhattet ammont ta' merkanzija f'Malta mill-vapur 'Kavo Grossos' 'Ocean Hope' tal-Misui O.S.K. Lines tal-Gappun biex tigi trasbordata lejn l-Algerija.

Illi l-merkanzija nghatat lis-Sea Malta u l-agenzija MMS Ltd. li kienu jirrapprezentaw lill-atturi kkonkludew kuntratt mas-Sea Malta ghan-nom ta' Madyco S.A. biex il-merkanzija tingarr fuq

il-vapur M.V. Faith; il-'booking note' tas-17 ta' Lulju, 1981 tinkorpora t-termini tal-ftehim.

Illi t-'terms' kienu COP/COP u FIOS; COP/COP tfisser 'custom of the port', kemm 'loading' u 'unloading ports' u FIOS tfisser 'free in and out, stowed'.

Illi 'free in and out, stowed' tfisser illi l-vapur m'ghandux l-obligu li jhallas l-ispejjez tal-'loading' u 'unloading' tal-merkanzija u dawn jithallsu mix-'shipper'; ir-rata ta' noll li tkun thallset ma tinkludix l-ispejjez tal-'loading' u 'unloading'.

Illi m'hemmx qbil dwar l-interpretazzjoni u l-effetti tal-klawsola COP/COP.

Illi l-merkanzija giet mghobbija fuq il-vapur M.V.Faith u l-kaptan hareg polza ta' karigu tas-Sea Malta li kienu x-'shippers' tal-vapur.

Illi s-Sea Malta kienet ix-'shipper' ghax il-merkanzija kienet f'idejha u responsabilta' taghha; il-merkanzija kienet inghatat lis-Sea Malta mill-Mitsui O.S.K. u s-Sea Malta kienet harget poloz ta' karigu lil Mitsui li fihom is-Sea Malta hija indikata

bhala x-'shipper'.

Illi l-vapur wasal l-Algerija fit-2 t'Awissu, 1981 u minhabba kongestjoni kellu jistenna sal-14 ta' Awissu, 1981 biex jinghata moll halli jhott il-merkanzija.

Illi l-vapur ma setax jinhatt ghaliex min kellu jircievi l-merkanzija ma kienx f'pozizzjoni li jaghmel dan.

Illi fil-15 t'Awissu, 1981 il-vapur rega' nhareg ghaliex kien qed jokkupa 'berth' inutilment, saru hafna protesti u telex exchanges bejn Madyco S.A. u s-Sea Malta u l-vapur rega' nghata 'berth' fid-29 t'Awissu, 1981.

Illi fil-frattemp l-atturi heddew li jitilqu mill-Algerija u jmorru jhottu l-merkanzija f'port izjed konvenjenti. Wara hafna kommunikattivi li fihom is-Sea Malta dejjem sostnew li ma kinux responsabbli ghad-dewmien minhabba l-klawsola COP/COP, Sea Malta baghtu t-telex tat-28 ta' Awissu, 1986 (vide fol. 10 tal-process).

Illi a bazi ta' dan it-'telex' l-atturi nomine komplew jistennew u eventwalment hattew il-merkanzija kollha.

Illi wara l-incident saru talbiet kemm lil Sea Malta u kemm lil Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Ltd. l-agenti ta' Mitsui f'Malta, pero' ma ntlahaq ebda ftehim.

Rat id-digriet tat-23 ta' Jannar, 1987 minn din il-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu inhatar Dr. Jose Herrera LL.D. bhala perit legali bis-soliti fakoltajiet sabiex jigbor il-provi u jirrelata;

Rat id-digriet tal-14 ta' Gunju, 1989 illi permezz tieghu gie revokat l-inkarigu ta' Dr. Jose Herrera LL.D. u minflok giet nominata bl-istess inkarigu u fakoltajiet Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.;

Rat id-digriet tas-7 ta' Jannar, 1993 illi permezz tieghu Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. giet sostitwita minn Dr. Tonio Grech LL.D. bhala perit legali bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet prezentata mill-attur nomine a fol. 144 sa 165 tal-process;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet prezentata mill-konvenut nomine a fol. 167 sa 182 tal-process;

Il-kawza giet differita biex tinstema’ minn din il-Qorti kif presjeduta fid-19 ta’ Gunju 1996.

Rat ir-rapport prezentat u mahluf mill-perit legali Dr. Tonio Grech LL.D. fis-seduta tal-1 ta’ Dicembru, 1997, liema rapport jinsab a fol. 192 sa 208 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha processwali;

Ikkunsidrat –

Il-fatti saljenti ta’ din il-kawza huma dawk elenkati mill-attur nomine u l-l-konvenut nomine fin-nota konguntiva taghhom a fol. 26 u 27 tal-process (supra), u ghalhekk, a skans ta’ ripetizzjonijiet inutili, din il-Qorti sejra tghaddi immedjatament biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-kwistjonijiet legali illi jikkostitwixxu l-bazi tal-kontestazzjonijiet tal-partijiet f’din il-kawza.

Il-konvenut nomine, fin-nota ta’ eccezzjonijiet teighu, jinvoka l-preskrizzjoni biennali a tenur tal-artikolu 2258 (illum 2153) tal-

Kodici Civili illi jipprovdi li "*… azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reati taqa' bi preskrizzjoni ta' sentejn*".

Il-Qorti tosserva illi huwa principju pacifiku stabbilit b'gurisprudenza estensiva illi d-danni li jikkontempla l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili huma dawk id-danni li jirrizulta per konsegwenza ta' '*damnum ex delicto vel quasi*' u mhux ta' danni '*ex contractu*' (ara f'dan ir-rigward 'Camilleri et vs Frendo' [Kollezz. XII;144]; 'Simiana vs Fenech et' [XVII;ii;180]; 'Cassar vs Ciappara' [XXXVII;I;82]; 'Micallef noe vs Cassar' [XXXVII;I;140]; 'Misrahi vs Camilleri noe' [LI;i;232]; 'Bugeja vs Baldacchino' [XXI;I;529]; 'Belli vs Mallia et noe' [Qorti tal-Kummerc – 27.06.75] u 'Tonna vs Smith' [XXVIII;I;726] fost ohrajn). Fil-kawza odjerna, huwa car u manifest illi d-danni li qieghed jirreklama l-atur nomine huma danni '*ex contractu*' u mhux '*ex delicto*' ghaliex l-azzjoni kif proposta mill-attur nomine hija effettivament ibbazata fuq allegata inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenut nomine u l-attur nomine qieghed jitlob rizarciment ghad-danni minnu sofferti per konsegwenza tal-allegata inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenut nomine. Ghaldaqstant, il-preskrizzjoni applikabbli ghall-kaz odjern hija dik kwinkwennali stabbilita ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u mhux dik biennali

stabbilita ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili u kwindi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut nomine qieghda tigi respinta.

Il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina l-pozizzjoni tal-kjamat in kawza, u cioe' ta' Anthony Hugh Cassar ghan-nom tas-socjeta' 'Cassar & Cooper (Shipping and Insurance) Limited' bhala agent lokali ta' 'Mitsui Lines O.S.K.', armaturi/operaturi ta' 'M.V. Kato Grossos' u 'M.V. Ocean Hope' illi fuq talba tal-konvenut nomine, liema talba giet opposta mill-attur nomine, gie kjamat in kawza b'digriet moghti minn din il-Qorti fit-2 ta' Lulju, 1986.

L-ewwel eccezzjoni mressqa mill-kjamat in kawza hija illi fil-konfront tal-kjamat in kawza nomine din il-Qorti mhix kompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u dan a tenur tal-artikolu 743 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tosserva illi l-artikolu 743 (illum 742) tal-Kap. 12 jipprovdi ghall-gurisdizzjoni tal-qrati nostrani fir-rigward ta' obbligazzjonijiet assunti minn persuna estera meta dik l-istess persuna jkollha rapprezentat lokali riferibilment ghal dawk l-obbligazzjonijiet. Oltre dan, huwa principju baziku fil-kamp tal-ligi marittima illi l-vapur huwa

rapprezentat mill-kaptan jew mill-armaturi jew l-agenti tal-armaturi, u ghaldaqstant fil-kaz odjern din il-Qorti hija kompetenti biex tisma' u tiddeciedi dwar it-talbiet attrici anke fil-konfront tal-kjamat in kawza illi huwa l-agent lokali ta' 'Mitsui Lines O.S.K.', armaturi/operaturi ta' 'M.V. Kato Grossos' u 'M.V. Ocean Hope', u ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni promossa mill-kjamat in kawza qed tigi respinta.

Il-kjamat in kawza jeccepixxi wkoll illi huwa kompletament estraneju ghal kull ma gie miftiehem bejn l-attur nomine u l-konvenut nomine u ghalhekk huwa bl-ebda mod m'ghandu jkun f'din il-kawza. Il-fatti saljenti f'dan ir-rigward huma s-segwenti – il-'Mitsui Lines O.S.K.', armaturi/operaturi tal-MV Kato Grossos u MV Ocean Hope, riedu jeffettwaw trasbord ta' merkanzija diretta lejn l-Algerija.  Skond ir-regoli vigenti f'pajjizna dak iz-zmien, huma kellhom jitrattaw mas-Sea Malta Company Limited, kif fil-fatt sar.  F'dan il-kaz il-karigu ma ngarrx bil-vapuri tas-Sea Malta stess, izda bil-vapuri ta' 'Mitsui Lines'.  Hemm qbil bejn il-partijiet illi s-Sea Malta certament illi kienet qed tagixxi bhala 'shipper', pero filwaqt illi l-attur nomine u l-kjamat in kawza jsostnu illi s-Sea Malta kienet qed tagixxi bhala 'carrier' ukoll, il-konvenut nomine jtenni illi l-'carrier' kienu l-'Mitsui Lines', u ghalhekk li l-kjamata in kawza

ta' dawn tal-ahhar kienet essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju. Il-konvenut nomine jargumenta illi ladarba t-trasport bil-bahar kien regolat ukoll minn "through original bills of lading", allura min ikun assuma t-trasport jirrispondi anke ghall-vetturi successivi.

Illi in sostenn ghal din it-tezi l-konvenut nomine jaghmel riferenza ghall-insenjament ta' Carver ('Carriage by Sea', Vol. 1, 12th Ed., 1971) fis-sens illi "*when a contract for a through journey is made with a carrier or contractor, he is answerable for its complete performance, although it may be intended that some part of the carrying shall be done by others, unless the contract expressly limits his liability to his own part of the journey*". F'dan ir-rigward, il-Qorti tissottolinea il-kelma 'intended' u tosserva illi, fil-kaz odjern, it-trasbord tal-merkanzija ma sarx kollu kemm hu mill-kjamat in kawza mhux ghax kien hemm l-intenzjoni illi jghaddi dan ix-xoghol lil haddiehor izda propju minhabba l-fatt illi r-regoli vigenti f'pajjizna f'dan il-qasam kienu jimponu, kif jirrileva wkoll l-istess konvenut nomine fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu dwar il-kjamata in kawza ta' Anthony Hugh Cassar nomine a fol. 29 tal-process, illi kull xoghol ta' trasbord f'Malta kellu jsir tramite s-servizzi tas-Sea Malta.

Illi in sostenn ukoll ghal din it-tezi l-konvenut nomine jaghmel riferenza wkoll ghas-sentenza 'A. Mizzi noe vs Ronald J. Pace' [Kollezz. XXXVII;iii;874] fis-sens illi '*meta l-merkanzija tigi trasportata minn zewg vetturi f'servizz kumulattiv, l-ewwel vettur, li jkun assuma t-trasport, jirrispondi, minhabba l-unicita' essenzjali tal-vinkolu guridiku, anke ghall-vetturi successivi, u huwa responsabbli anke ghall-hsarat li l-merkanzija tirriporta fit-trasbord, naturalment fl-assenza ta' patt espress li jezonera l-ewwel bastiment*'.

Da parti tieghu l-attur nomine jsostni illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-attur nomine u l-kjamat in kawza ghaliex il-kuntratt ta' garr li dahal ghalih l-attur nomine ma sarx mal-kjamat in kawza izda sar direttament u esklussivament mal-konvenut nomine.

Il-Qorti tosserva illi mill-fatti kollha tal-kaz jirrizulta illi l-kjamat in kawza kien ghal kollox estraneju ghat-trattattivi, negozjati u l-ftehim konkluz bejn l-attur nomine u l-konvenut nomine fir-rigward ghat-trasport tal-merkanzija ghad-destinazzjoni finali, u li l-kjamat in kawza ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attur nomine u kwindi t-talba ghad-danni interposta mill-

attur nomine ma tista' qatt tigi akkollata kontra l-kjamat in kawza izda biss kontra l-konvneut nomine, dejjem salv, jekk ikun il-kaz, kwaslijasi dritt ta' rivalsa illi l-istess konvneut nomine jista' talvolta jkollu fil-konfront tal-kjamat in kawza. Ghaldaqstant il-Qorti qieghda takkolji t-tieni eccezzjoni promossa mill-kjamat in kawza.

Oltre dan, il-kjamat in kawza eccepixxa wkoll illi huwa qatt ma gie avzat bl-allegata cessjoni ta' drittijiet u ghaldaqstant fil-konfront tal-kjamat in kawza l-attur nomine ma jistax jezercita l-jeddijiet lilu allegatament ceduti mic-cedent, u dan ai termini tal-artikolu 1553 tal-Kodici Civili. L-artikolu 1553 (illum 1471) tal-Kodici Civili jipprovdi illi "*ic-cessjonarju ma jistax, kwantu ghat-terzi, jezercita l-jeddijiet lilu ceduti, hlief wara li c-cessjoni tkun giet imgharrfa lid-debitur b'att gudizzjarju mic-cessjonarju nnifsu jew mic-cedent*". Mil-atti processwali jirrizulta illi l-attur nomine gharraf b'din ic-cessjoni permezz ta' ittra ufficcjali datata s-27 ta' Dicembru, 1985 (a fol. 11 u 12 tal-process) lill-konvenut nomine izda ma jirrizultax illi huwa gharaf ukoll lill-kjamat in kawza b'din ic-cessjoni ta' drittijiet u ghaldaqstant din l-eccezzjoni wkoll qieghda tigi akkolta.

Il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina n-natura guridika tal-ftehim konkluz bejn l-attur nomine u l-konvenut nomine. Dwar in-natura guridika ta' dan il-ftehim tezisti nuqqas ta' qbil bejn iz-zewg partijiet stante illi, filwaqt li l-attur nomine jsostni illi n-natura guridika tal-'booking note' hija dik ta' 'voyage charterparty' ossija ta' 'sub-voyage charterparty', il-konvenut nomine jsostni illi bejn l-attur nomine u l-konvenut nomine kien hemm biss semplici kiri ta' bastiment skond l-artikolu 273 tal-Kodici tal-Kummerc. Din il-kwistjoni pero' hija biss wahda ta' natura akkademika stante illi il-klawsoli 'FIOS' u 'Cop/Cop' huma inkorporati kemm fil-'booking note' u kif ukoll fil-polza ta' kariku, u effettivament huma dawn iz-zewg kundizzjonijiet saljenti illi jikkostitwixxu l-mertu ta' din il-kawza u tat-talbiet attrici kif ribattuti mill-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine.

Il-Qorti tosserva illi bejn il-partijiet hemm qbil illi -:

it-'terms' kienu COP/COP u FIOS; COP/COP tfisser 'custom of the port', kemm 'loading' u 'unloading ports' u FIOS tfisser 'free in and out, stowed';

'free in and out, stowed' tfisser illi l-vapur m'ghandux l-obligu li jhallas l-ispejjez tal-'loading' u 'unloading' tal-merkanzija u

dawn jithallsu mix-'shipper'; ir-rata ta' noll li tkun thallset ma tinkludix l-ispejjez tal-'loading' u 'unloading';

m'hemmx qbil dwar l-interpretazzjoni u l-effetti tal-klawsola Cop/Cop.

Il-konvenut nomine jeccepixxi illi 'it-talba attrici ghad-danni pretizi bhala 'demurrage' jew 'detention' fil-port ta' Oman fl-Algerija hija bla bazi stante illi skond il-kontrattazzjoni bejn il-partijiet kif kontenuta fil-'booking note' u ravvisata wkoll fil-polza ta' karigu, il-garr kien fuq bazi 'cop/cop' u cioe' skond l-uzu tal-port;  kif ukoll illi riferibilment ghat-talbiet l-ohra kien ukoll akkordat bejn il-partijiet illi l-karikazzjoni u skarikar tal-merkanzija kien fuq bazi 'FIOS' u ghalhekk il-vettural ma messux ghamel il-hlas issa reklamat mill-eccipjenti.

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet illi ghadha kif ghamlet din il-Qorti isegwi illi effettivament id-determinazzjoni tal-kawza odjerna tistrieh fuq l-gharfien u l-interpretazzjoni tat-tifsir tal-klawsoli 'COP/COP' u 'FIOS'.

L-attur nomine jtenni illi 'COP' tfisser 'custom of the port'. L-attur nomine jirrileva wkoll illi l-kaptan tal-vapur M.V. Faith

kien lest ihott il-merkanzija fit-3 ta' Awissu, 1981 (vide fol. 72 tal-process) u li l-vapur inghata 'berth' fil-port ta' Oran fl-14 ta' Awissu, 1981 izda ma setax ihott il-merkanzija peress illi r-ricevituri ma kinux lesti biex jircevuha, u ghalhekk il-vapur kellu jitlaq, biex ma jkomplix jokkupa 'berth' inutilment, sakemm imbaghad rega' nghata 'berth' fit-30 ta' Awissu, 1981 u l-hatt tal-merkanzija dam sejjer sat-3 ta' Settembru, 1981. L-attur nomine qieghed jirreklama 'demurrage' ghall-perjodu 18/8/1981 sa 3/9/1981 liema 'demurrage', isostni l-attur nomine, ghandu jbatih il-konvenut nomine ghaliex id-dewmien ma kienx kagjonat minn cirkostanzi li jammontaw ghal xi uzu tal-port tal-hatt izda minhabba dewmien/detention zejjed da parti tal-konvenut nomine biex jircievi jew jassigura illi jkun hemm min jircievi l-merkanzija 'de quo'.

F'dan ir-rigward l-attur nomine jaghmel riferenza ghall-insenjament tal-gurista Scrutton ('On Charter Parties', art. 147) illi jippostula illi "*in the absence of any limitation by the terms of the charter or bill of lading, the charteres or consignees must take delivery … and must take delivery continuously in the ordinary working hours from that time. This duty must be fulfilled when: (1) the ship is at the place where the carrying voyage is to end …; (2) she is ready to*

*discharge*". L-attur nomine jsostni illi fil-fatt jezisti qbil bejn il-partijiet dwar il-fatt illi l-merkanzija ma nhattitx fil-hin ghaliex ir-ricevitur ma kienx f'pozizzjoni li jaghmel dan. L-attur nomine jaghmel riferenza ghall-provvedimenti tal-artikolu 276 tal-Kodici tal-Kummerc kif ukoll ghall-insenjament tal-guristi l-Professur Carlo Mallia ['Diritto Commerciale Marittimo' – Parte III], il-Professur Cremona u Brunetti [Diritto Marittimo Privato Italiano' – Vol. 3, Parte Prima, pg. 126] sabiex jishaq fuq il-punt illi meta z-zmien ghall-hatt ma jkunx stabbilit fil-ftehim (kif fil-fatt gara fil-kaz odjern, fejn il-partijiet ma ftiehmux fuq terminu ta' zmien ghall-hatt izda rregolaw din il-materja bil-klawsola COP/COP) l-obbligu tax-'shipper' huwa li jara li l-hatt isir 'within a reasonable time', dejjem entro l-parametri tal-uzu vigenti fil-port in kwistjoni.

L-attur nomine jsostni illi ghalkemm il-vapur M.V. Faith wasal fil-port ta' Oran u kien lest biex ihott fit-3 ta' Awissu, 1981, izda nghata 'berth' biss fl-14 ta' Awissu, 1981, l-attur nomine mhuwiex qieghed jirreklama danni ghal dan il-perjodu, ghax tali dewmien, rizultanti mill-konswetudni rigwardanti l-hatt tal-merkanzija fil-port t'Oran jirrientra fil-parametri tal-klawsola COP/COP pattwita bejn il-partijiet; l-attur nomine qieghed

pero jirreklama danni ghal dak il-perjodu illi fih il-hatt ma sarx mhux minhabba xi konswetudni u uzanza fil-port ta' Oran izda minhabba l-fatt illi r-ricevituri ma kinux lesti biex ihottu l-merkanzija.

Da parti tieghu, il-konvenut nomine jargumenta illi t-terminu 'custom of the port' tfisser 'usual practice/s of the port', u f'dan ir-rigward jiccita l-insejament tal-gurista Carver (supra). Il-konvenut nomine jkompli jargumenta li l-attur nomine kien jaf x'kienet il-prattika uzwali fil-port ta' Oran u f'portijiet ohra Gharab, u kien ghalhekk illi fil-fatt il-partijiet kontraenti ma stabbilewx fil-'booking note' iz-zmien ghall-iskarikazzjoni u lanqas ma ftehmu dwar x'kellha tkun id-'daily demurrage rate'. Dan kollu jirrizulta b'mod car mill-iskambju ta' 'telexes' illi kien hemm bejn il-partijiet fejn fl-ewwel telex tieghu datata 18 ta' Awissu, 1981 (a fol. 121 tal-process) mibghuta lill-kjamat in kawza intqal illi '*our discharge conditions are COP but does not mean that vessel can be used as a warehouse*'. Ghal din it-'telex' u 'telex' ohra datata 20 ta' Awissu 1981 (a fol. 122 tal-process) il-konvenut nomine kien wiegeb permezz ta' 'telex' datata wkoll l-20 ta' Awissu, 1981 fis-sens illi :

"1. Vehicle was not booked on voyage charter and cargo only booked as liner on FIOS COP/COP basis and therefore demurrage definiteley does not apply.

2. As you are aware Sonatrach who are also the contractors form part of the Algerian Port Organization and as you are already aware this particular incident happens very often in Arab ports and of course that is why it is considered as custom of the port".

Illi din il-Qorti tqis bhala kwistjoni ta' importanza essenzjali l-istatus tar-ricevitur fil-port ta' Oran, 'Sonatrach', u r-relazzjoni guridika li jista' jkun hemm bejn l-istess 'Sonatrach' u l-konvenut nomine. Dan ghaliex jekk 'Sonatrach' hija semplicement ir-ricevitur inkarigat mill-konvneut nomine sabiex jircievi l-merkanzija 'de quo' fil-port ta' Oran, allura ghad-dewmien ikkagunat minhabba fil-fatt illi tali ricevitur appuntat mill-konvenut nomine ma kienx pront biex jircievi l-merkanzija ghandu jirrispondi l-istess konvenut nomine, bla ebda pregudizzju ghal kwalsijasi dritt ta' rivalsa li dan jista' jkollu kontra l-imsemmi ricevitur 'si et quatenus'; mill-banda l-ohra, pero', jekk 'Sonatrach' verament jikkostitwixxi parti mill-organizazzjoni illi tmexxi l-port ta' Oran, allura d-dewmien

ikkreat mill-istess 'Sonatrach' jirrientra fil-paramenti tal-'custom of the port' illi jikkostitwixxi l-bazi tal-ftehim vigenti bejn il-kontendenti.

Mill-provi prodotti minn imkien ma jirrizulta dak li ikkontenda l-konvenut nomine fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u li kien diga sostna fit-telex tal-20 ta' Awissu, 1981 fis-sens illi r-ricevitur, Sonatrach, jaghmel parti mill-organizazzjoni portwali tal-Algerija u kwindi ma jistax hlief jigi trattat bhala semplici ricevitur, in-nuqqasijiet ta' liema, kif diga' gie fuq espost, irid, fil-konfront tal-attur nomine, jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut nomine (salv kull dritt ta' rivalsa illi dan jista' talvolta jkollu fil-konfront tal-imsemmi ricevitur).

Il-konvenut nomine jaghmel riferenza wkoll ghall-provvedimenti tal-artikolu 1130(2) tal-Kodici Civili illi jiddisponi li "*jekk fil-ftehim ma jkun gie stabbilit ebda zmien … id-debitur jew il-werriet tieghu ma jigix imqieghed in mora hlief wara li jigi msejjah b'att gudizzjarju*". Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi effettivament ma gie miftiehem ebda perjodu ta' zmien u l-ftehim bejn il-partijiet kien a bazi ta' 'custom of the port'. L-attur nomine jsostni illi dan ifisser illi l-iskarikar tal-merkanzija kellu jsir 'within a reasonable time', minghajr pero' ma jispjega

xi tfisser ezattament tali frazi. Jibqa' l-fatt illi ma kien hemm ebda ftehim rigwardanti l-perjodu entro che kellu jkun hemm adempiment tal-obbligi kuntrattwali, u mill-atti processwali minn imkien effettivament ma jirrizulta illi l-attur nomine pprezenta xi att gudizzjarju illi permezz tieghu huwa pogga lill-konvenut nomine in mora. Fin-nuqqas ta' ftehim dwar iz-zmien, u fin-nuqqas ta' ftehim dwar x'effettivament jikkostitwixxi 'custom of the port' o meno, in-nuqqas da parti tal-attur nomine li jipprezenta att gudizzjarju kontra l-konvenut nomine sabiex ipoggih in mora ma jistax hlief imur a vantagg tal-istess konvenut nomine bis-sahha tal-provvedimenti tal-artikolu 1130(2) tal-Kap. 16. Ghaldaqstant, din il-Qorti tirritjeni illi t-talba tal-attur nomine ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni sofferti minhabba dewmien/delay/detention ingustifikat ma tistax tigi akkolta.

L-attur nomine qieghed jitlob ukoll is-somma ta' Lm3,915 ekwivalenti ghal US$9065.68 riferibbli ghal 'shore labour expenses' u 'freight commission' li l-attur nomine kellu jinkorri minhabba n-nuqqas da parti tal-konvenut nomine illi jara li l-merkanzija tigi skarikata fi zmien ragjonevoli peress illi meta l-

vapur kien lest biex ihott ir-ricevitur imqabbad mill-konvenut nomine ma kienx lest biex jircievi l-merkanzija ‘de quo’.

Min-naha taghhom, il-konvenut nomine kif ukoll il-kjamat in kawza jeccepixxu illi ladarba kien akkordat bejn il-partijiet illi l-karikazzjoni u l-iskarikar tal-merkanzija kien fuq bazi ‘FIOS’ allura l-vettural ma kienx messu ghamel il-hlas illi kien qed jigi reklamat mill-attur nomine.

Naturalment irid l-ewwel jigi determinat it-tifsir tal-klawsola ‘FIOS’ sabiex il-Qorti tkun tista’ tasal ghall-konkluzjoni dwar jekk it-talbiet attrici fir-rigward tal-hlas ta’ ‘shore labour expenses’ u ‘freight commission’ ghandhiex tigi akkolta o meno.

Il-gurista Eric Sullivan [‘The Marine Encyclopaedic Dictionary’, Lloyd’s of London Press, 1992] jiddefinixxi l-frazi ‘FIOS’ ossija ‘Free In and Out Stowed’ bil-mod segwenti:

“*All expenses in regard to the loading and/or unloading of merchandise are borne by the shipper and/or receivers and free to the ship.*”

Il-konvenut nomine stess, fin-nota konguntiva prezentata mill-partijiet, qabel ma din it-tifsira tal-klawsola ‘FIOS’; minkejja dan l-istess konvenut nomine jargumenta illi ladarba l-karikazzjoni u skarikar tal-merkanzija kien fuq bazi FIOS allura l-vettural ma messux ghamel tali hlasijiet.

Il-Qorti tosserva illi kieku l-attur nomine ma hallasx dawn ix-‘shore labour expenses’ u ‘freight commission’ kieku l-ispejjez kienu jkomplu jizdiedu ghad-detriment ta’ kulhadd, u ghaldaqstant l-attur nomine bl-agir tieghu ma ghamel xejn hlief imminimizza d-danni illi altrimenti kienu jkomplu jizdiedu, u dan in linea ma’ principju illi huwa wiehed pacifiku fil-ligi nostrana. Jinghad f'dan ir-rigward illi l-obbligu tal-kreditu biex jimminimizza d-danni huwa principju li ghandu japplika sew fl-obbligazzjonijiet *ex delicto* sew f'dawk *ex contracto*. F'ta l-ahhar dan il-principju huwa l-konsegwenza naturali ta' l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili li l-kuntratti jridu jigu esegwiti in buona fede u jobbligaw "*ukoll ghall-konsegwenza kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi.*" Ghaldaqstant din it-talba tal-attur nomine ghall-hlas tas-somma ta’ Lm3,915 ekwivalenti ghal US$9065.68 riferibbli ghal ‘shore labour expenses’ u ‘freight commission’ inkorsi mill-attur nomine qed tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tillibera lill-kjamata in kawza mill-osservanza tal-gudizzju, din il-Qorti qieghda tichad it-talbiet attrici in kwantu l-attur nomine talab il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni sofferti minhabba dewmien/delay/detention ingustifikat filwaqt illi tilqa' t-talba tal-attur nomine ghall-hlas tas-somma ta' Lm3,915 ekwivalenti ghal US$9065.68 riferibbli ghal 'shore labour expenses' u 'freight commission' inkorsi mill-attur nomine u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut nomine biex ihallas lill-attur nomine l-imsemmija somma ta' Lm3,915 ekwivalenti ghal US$9065.68 riferibbli ghal 'shore labour expenses' u 'freight commission' inkorsi mill-attur nomine, bl-imghax legali mill-1 ta' Frar, 1982 sad-data tal-hlas effettiv. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn l-attur nomine u l-konvenut nomine hlief ghal dawk tal-kjamat in kawza li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut nomine.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.